

Dan it-test hu maħsub purament bħala għodda ta' dokumentazzjoni u m'għandu l-ebda effett legali. L-istituzzjonijiet tal-Unjoni m'għandhom l-ebda responsabbiltà għall-kontenut tiegħu. Il-verżjonijiet awtentiċi tal-atti rilevanti, inklużi l-preamboli tagħhom, huma daww i ppubblikati fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea u disponibbli f'EUR-Lex. Daww it-testi uffiċjali huma aċċessibbli direttament permezz tal-links inkorporati f'dan id-dokument

► **B****ID-DIRETTIVA TAL-KUNSILL 1999/37/KE**

tad-29 ta' April 1999

dwar id-dokumenti ta' reġistrazzjoni għall-vetturi

(ĠU L 138, 1.6.1999, p. 57)

Emendata minn:

		Ġurnal Uffiċjali		
		Nru	Paġna	Data
► <b><u>M1</u></b>	Id-Direttiva tal-Kummissjoni 2003/127/KE tat-23 ta' Diċembru 2003	L 10	29	16.1.2004
► <b><u>M2</u></b>	Direttiva tal-Kunsill 2006/103/KE ta' l-20 ta' Novembru 2006	L 363	344	20.12.2006
► <b><u>M3</u></b>	Direttiva tal-Kunsill 2013/22/UE tat-13 ta' Mejju 2013	L 158	356	10.6.2013
► <b><u>M4</u></b>	Direttiva 2014/46/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-3 ta' April 2014	L 127	129	29.4.2014
► <b><u>M5</u></b>	Direttiva (UE) 2022/362 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Frar 2022	L 69	1	4.3.2022

Emendata minn:

► <b><u>A1</u></b>	Trattat bejn ir-Renju tal-Belġju, ir-Renju tad-Danimarka, ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja, ir-Repubblika Ellenika, ir-Renju ta' Spanja, ir-Repubblika Franċiża, l-Irlanda, ir-Repubblika Taljana, il-Gran Dukat tal-Lussemburgu, ir-Renju ta' l-Olanda, ir-Repubblika ta' l-Awstrija, ir-Repubblika Portugiża, ir-Repubblika tal-Finlandja, ir-Renju ta' l-Isvezja, ir-Renju Unit tal-Gran Britannja u l-Irlanda ta' Fuq (Stati Membri ta' l-Unjoni Ewropea) u r-Repubblika Ċeka, ir-Repubblika ta' l-Estonja, ir-Repubblika ta' Ċipru, ir-Repubblika tal-Latvja, ir-Repubblika tal-Litwanja, ir-Repubblika ta' l-Ungerija, ir-Repubblika ta' Malta, ir-Repubblika tal-Polonja, ir-Repubblika tas-Slovenja, ir-Repubblika Slovakka li jikkonċerna l-adeżjoni tar-Repubblika Ċeka, tar-Repubblika ta' l-Estonja, tar-Repubblika ta' Ċipru, tar-Repubblika tal-Latvja, tar-Repubblika tal-Litwanja, tar-Repubblika ta' l-Ungerija, tar-Repubblika ta' Malta, tar-Repubblika tal-Polonja, tar-Repubblika tas-Slovenja u tar-Repubblika Slovakka ma' l-Unjoni Ewropea	L 236	33	23.9.2003
--------------------	---	-------	----	-----------

**▼B****ID-DIRETTIVA TAL-KUNSILL 1999/37/KE****tad-29 ta' April 1999****dwar id-dokumenti ta' reġistrazzjoni għall-vetturi***L-Artikolu 1***▼M4**

Din id-Direttiva għandha tapplika għad-dokumenti ta' reġistrazzjoni ta' vettura maħruġin mill-Istati Membri.

**▼B**

Ma għandhiex tippreġudika d-dritt ta' Stati Membri li jużaw, għar-reġistrazzjoni temporanja ta' vetturi, dokumenti li jistgħu ma jissodisfawx il-ħtiġiet ta' din id-Direttiva f'kull aspett.

*L-Artikolu 2*

Għall-iskopijiet ta' din id-Direttiva:

- (a) “vettura”: għandha tfisser kull vettura kif definita fl-Artikolu 2 tad-Direttiva tal-Kunsill 70/156/KEE tas-6 ta' Frar 1970 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri dwar l-approvazzjoni tat-tip ta' vetturi bil-mutur u l-karrijiet tagħhom <sup>(1)</sup> u fl-Artikolu 1 tad-Direttiva tal-Kunsill 92/61/KEE tat-30 ta' Ġunju 1992 dwar l-approvazzjoni tat-tip ta' vetturi bil-mutur li għandhom żewġ jew tliet roti <sup>(2)</sup>;
- (b) “reġistrazzjoni”: għandha tfisser l-awtorizzazzjoni amministrattiva għad-dħul fis-servizz ta' vettura fit-traffiku tat-triq, li tinvolvi l-identifikazzjoni tal-vettura u l-ħruġ tan-numru tas-serje għaliha, li għandu jissejjaħ in-numru ta' reġistrazzjoni;
- (ċ) “iċ-ċertifikat ta' reġistrazzjoni”: għandu jfisser id-dokument li jiċċertifika li l-vettura hija rreġistrata fi Stat Membru;
- (d) “detentur taċ-ċertifikat ta' reġistrazzjoni”: għandha tfisser il-persuna li l-vettura tkun irreġistrata f'isimha;

**▼M4**

- (e) “sospensjoni”: tfisser perjodu limitat ta' żmien li fih vettura ma tkunx awtorizzata minn Stat Membru biex tintuża fit-traffiku tat-triq li wara li jseħħ dan - sakemm ir-raġunijiet għas-sospensjoni ma jibqgħux japplikaw - tista' tiġi awtorizzata biex terġa' tintuża mingħajr ma jkun involut proċess ġdid ta' reġistrazzjoni;
- (f) “kanċellazzjoni ta' reġistrazzjoni”: tfisser il-kanċellazzjoni tal-awtorizzazzjoni tal-Istat Membru għal vettura biex tintuża fit-traffiku tat-triq.

**▼B***L-Artikolu 3*

1. L-Istati Membri għandhom joħorġu ċertifikat ta' reġistrazzjoni għal vetturi li huma soġġetti għal reġistrazzjoni taħt il-leġiżlazzjoni nazzjonali tagħhom. Iċ-ċertifikat għandu jikkonsisti jew f'parti waħda b'mod konformi ma' l-Anness I jew f'żewġ partijiet b'mod konformi ma' l-Annessi I u II.

<sup>(1)</sup> ĠU L 42, tat-23.2.1970, p. 1. Direttiva kif emendata l-aħħar bid-Direttiva tal-Kummissjoni 98/14/KE (ĠU L 91, tal-25.3.1998, p. 1).

<sup>(2)</sup> ĠU L 225, ta' l-10.8.1992, p. 72. Id-Direttiva kif emendata mill-Att ta' Adeżjoni ta' l-1994.

**▼B**

L-Istati Membri jistgħu jawtorizzaw lis-servizzi li huma jappuntaw għal dan il-għan, b'mod partikolari dawk tal-fabbrikanti, sabiex jimlew il-partijiet tekniċi ta' ċertifikat ta' reġistrazzjoni.

2. Fejn jinħareġ ċertifikat ta' reġistrazzjoni ġdid għal vettura reġistrata qabel l-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva, l-Istati Membri għandhom jużaw mudell ta' ċertifikazzjoni kif definit f'din id-Direttiva u jistgħu jillimitaw id-dettalji li jidhru fih għal dawk li għalihom tkun disponibbli l-informazzjoni meħtieġa.

3. L-informazzjoni mogħtija fiċ-ċertifikat ta' reġistrazzjoni, b'mod konformi ma' l-Annessi I u II, għandha tiġi rappreżentata mill-kodiċi armonizzati tal-Komunità murija f'dawk l-Annessi.

**▼M4**

4. L-Istati Membri għandhom jirreġistraw elettronikament id-data dwar il-vetturi kollha rreġistrati fit-territorju tagħhom. Dawk id-data għandha tinkludi:

- (a) l-elementi obligatorji kollha skont l-Anness I punt II.5 tal-Anness I kif ukoll l-elementi tal-punti II.6 (J) u II.6 (V.7) u (V.9) ta' dak l-Anness, meta d-data tkun disponibbli;
- (b) data mhux obligatorja oħra elenkata fl-Anness I jew data miċ-ċertifikat tal-konformità kif previst fid-Direttiva 2007/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill <sup>(1)</sup>, fejn possibbli;
- (c) l-eżitu ta' testijiet perjodiċi obligatorji tal-affidabilità stradali skont id-Direttiva 2014/45/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill <sup>(2)</sup> u l-perjodu ta' validità ta' ċertifikat tal-affidabilità stradali.

L-ipproċessar ta' data personali fil-kuntest ta' din id-Direttiva għandu jitwettaq skont id-Direttivi 95/46/KE <sup>(3)</sup> u 2002/58/KE <sup>(4)</sup> tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

5. Data teknika dwar vettura għandha tkun disponibbli lill-awtoritajiet kompetenti jew liċ-ċentri għall-finijiet tal-ittestjar perjodiku tal-affidabilità stradali. L-Istati Membri jistgħu jillimitaw l-użu u t-tixrid ta' tali data minn ċentri tal-ittestjar sabiex jiġi evitat użu ħażin.

*L-Artikolu 3a*

1. Fejn l-awtorità kompetenti ta' Stat Membru tirċievi notifikazzjoni ta' test perjodiku tal-affidabilità stradali li juri li l-awtorizzazzjoni għall-użu ta' vettura partikolari fit-traffiku tat-triq tkun ġiet sospiża bi qbil mal-Artikolu 9 tad-Direttiva 2014/45/UE, is-sospensjoni għandha tiġi reġistrata elettronikament u għandu jitwettaq test ieħor tal-affidabilità stradali.

<sup>(1)</sup> Direttiva 2007/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Settembru 2007 li tistabbilixxi kwadru għall-approvazzjoni ta' vetturi bil-mutur u l-karrijiet tagħhom, u ta' sistemi, komponenti u unitajiet tekniċi separati maħsuba għal tali vetturi (ĠU L 263, 9.10.2007, p. 1).

<sup>(2)</sup> Direttiva 2014/45/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-3 ta' April 2014 dwar testijiet perjodiċi għal vetturi bil-mutur u l-karrijiet tagħhom u tħassar id-Direttiva 2009/40/KE (ĠU L 127, 29.4.2014, p. 51).

<sup>(3)</sup> Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill 95/46/KE tal-24 ta' Ottubru 1995 dwar il-protezzjoni ta' individwi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' dik id-data (ĠU L 281, 23.11.1995, p. 31).

<sup>(4)</sup> Direttiva 2002/58/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Lulju 2002 dwar l-ipproċessar tad-data personali u l-protezzjoni tal-privatezza fis-settur tal-komunikazzjoni elettronika (ĠU L 201, 31.7.2002, p. 37).

**▼M4**

Is-sospensjoni għandha tkun effettiva sakemm il-vettura tgħaddi minn test ġdid tal-affidabilità stradali. Mat-tlestija b'suċċess tat-test tal-affidabilità stradali, l-awtorità kompetenti għandha tawtorizza mill-ġdid mingħajr dewmien l-użu tal-vettura fit-traffiku tat-triq. Ma għandu jkun meħtieġ l-ebda proċess ġdid ta' reġistrazzjoni.

L-Istati Membri u l-awtoritajiet kompetenti tagħhom jistgħu jadottaw miżuri biex jiffaċilitaw l-ittestjar mill-ġdid ta' vettura li l-awtorizzazzjoni tagħha għall-użu fit-traffiku tat-triq ġiet sospiża. Dawk il-miżuri jistgħu jinkludu l-għoti ta' -permess għall-ivvjaġġar fit-toroq pubbliċi bejn post tat-tiswija u ċentru tal-ittestjar għall-fini ta' test tal-affidabilità stradali.

2. Stat Membru jista' jippermetti lid-detentur taċ-ċertifikat ta' reġistrazzjoni biex jissottometti lill-awtorità kompetenti għat-trasferiment tar-reġistrazzjoni lis-sid il-ġdid tal-vettura.

3. Fil-każ li awtorità kompetenti ta' Stat Membru tirċievi notifika li vettura ġiet ittratata bħala vettura fl-aħħar stadju ta' haġja skont id-Direttiva 2000/53/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill <sup>(1)</sup>, ir-reġistrazzjoni ta' dik il-vettura għandha tiġi kkanċellata b'mod permanenti u din l-informazzjoni f'dan is-sens għandha tiżdied mar-reġistru elettroniku.

**▼B***L-Artikolu 4*

Għall-iskopijiet ta' din id-Direttiva, iċ-ċertifikat ta' reġistrazzjoni maħruġ minn Stat Membru għandu jiġi rikonoxxut mill-Istati Membri l-oħra, għall-identifikazzjoni tal-vettura fi traffiku internazzjonali jew għar-reġistrazzjoni mill-ġdid fi Stat Membru ieħor.

*L-Artikolu 5*

1. Għall-iskopijiet ta' l-identifikazzjoni ta' vettura fit-traffiku tat-triq, l-Istati Membri jistgħu jeħtieġu li s-sewwieq iżomm miegħu il-Parti I taċ-ċertifikat ta' reġistrazzjoni.

2. Bil-għan li tiġi rreġistrata mill-ġdid vettura li qabel kienet reġistrata fi Stat Membru ieħor, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jeħtieġu li tiġi ppreżentata l-Parti I taċ-ċertifikat ta' reġistrazzjoni preċedenti f'kull każ u l-preżentazzjoni tal-Parti II jekk din kienet inħarġet. Dawn l-awtoritajiet għandhom jirtiraw il-parti(jiet) taċ-ċertifikat ta' reġistrazzjoni ta' qabel u għandhom iżommu din ta' l-aħħar għal sitt xhur. Huma għandhom, fi żmien xahrejn, jinformat lill-awtoritajiet ta' l-Istat Membru li jkun ħareġ iċ-ċertifikat dwar l-irtirar tiegħu. Huma għandhom jirritornaw iċ-ċertifikat li huma jkunu irtiraw lil dawk l-awtoritajiet jekk dawn ta' l-aħħar jitolbu li jsir dan fi żmien sitt xhur minn meta jiġi rtirat.

Jekk iċ-ċertifikat ta' reġistrazzjoni ikun jikkonsisti fil-Partijiet I u II, u l-Parti II tkun nieqsa, l-Awtoritajiet kompetenti fl-Istat Membru fejn ir-reġistrazzjoni il-ġdida tkun ġiet mitluba jistgħu jiddeċiedu, f'każijiet eċċezzjonali, li jerġgħu jirreġistraw il-vettura, iżda dan isir biss wara li jkunu kisbu konferma, bil-miktub jew b'mezz elettroniku, mill-awtoritajiet kompetenti fl-Istat Membru fejn kienet reġistrata qabel il-vettura, li l-applikant huwa intitolat sabiex jirreġistra mill-ġdid il-vettura fi Stat Membru ieħor.

<sup>(1)</sup> Direttiva 2000/53/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Settembru 2000 dwar vetturi li m'għadhomx jintużaw (ĠU L 269, 21.10.2000, p. 34).

**▼M4**

3. Mingħajr preġudizzju għall-Artikoli 5(4) u 8(3) tad-Direttiva 2014/45/UE, l-Istati Membri, bħala kwistjoni ta' prinċipju, għandhom jagħrfu l-validità taċ-ċertifikat tal-affidabilità stradali ta' vettura fil-każ ta' bidla fis-sjeda ta' vettura - li jkollha prova valida tat-test tal-affidabilità stradali perjodiku.

*L-Artikolu 6*

Il-Kummissjoni għandu jkollha s-setgħa li tadotta atti ddelegati skont l-Artikolu 7 sabiex temenda:

- il-punt II.4, it-tieni inċiż u l-punt III.1.A(b) kemm tal-Anness I u tal-Anness II, fil-każ ta' tkabbir tal-Unjoni,
- il-punt II.6 tal-Anness I marbut ma' elementi mhux obligatorji fil-każ ta' bidliet fid-definizzjonijiet jew tal-kontenut ta' ċertifikati ta' konformità fil-leġislazzjoni rilevanti tal-Unjoni dwar l-approvazzjoni tat-tip.

*L-Artikolu 7*

1. Is-setgħa tal-adozzjoni ta' atti ddelegati hija mogħtija lill-Kummissjoni suġġetta għall-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu.

2. Is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti ddelegati msemija fl-Artikolu 6 għandha tingħata lill-Kummissjoni għal perjodu ta' ħames snin mid-19 ta' Mejju 2014. Il-Kummissjoni għandha tfassal rapport fir-rigward tad-delega ta' setgħa mhux aktar tard minn disa' xhur qabel it-tmiem tal-perjodu ta' ħames snin. Id-delega ta' setgħa għandha tiġi estiża awtomatikament għal perjodi ta' żmien identiċi, ħliet jekk il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill joġġezzjonaw għal tali estensjoni mhux iktar tard minn tliet xhur qabel it-tmiem ta' kull perjodu.

3. Id-delega tas-setgħat imsemmija fl-Artikolu 6 tista' tiġi revokata fi kwalunkwe mument mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni biex tirrevoka għandha ttejjm id-delega ta' setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Din għandha tidħol fis-seħħ fil-jum ta' wara l-pubblikazzjoni tad-Deċiżjoni f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea jew f'data iktar tard speċifikata fiha. Din ma għandhiex taffettwa l-validità ta' kwalunkwe att iddelegat li jkun diġà fis-seħħ.

4. Hekk kif tadotta att iddelegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

5. Att ddelegat adottat skont l-Artikolu 6 għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tiġix espressa oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill fi żmien perjodu ta' xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel ma jiskadi dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu t-tnejn infurmaw lill-Kummissjoni li mhumiex se jrin joġġezzjonaw. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż b'xahrejn bl-inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

**▼B***L-Artikolu 8*

1. L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa biex jikkonformaw ma' din id-Direttiva sa l-1 ta' Ġunju 2004. Huma għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni dwar dan minnufih.

**▼B**

Meta l-Istati Membri jadottaw id-dispożizzjonijiet, dawn għandhom jinkludu referenza għal din id-Direttiva jew għandhom ikunu akkumpanjati b'din ir-referenza fil-ħin tal-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. Il-metodi dwar kif għandha ssir referenza bħal din, għandhom jiġu stabbiliti mill-Istati Membri.

2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-testi tad-dispożizzjonijiet prinċipali tal-liġi nazzjonali li huma jadottaw fil-qasam irregolat minn din id-Direttiva.

Il-Kummissjoni għandha tikkomunika lill-Istati Membri l-mudelli kollha għal ċertifikati ta' reġistrazzjoni użati mill-amministrazzjoni nazzjonali.

**▼M4***L-Artikolu 9*

L-Istati Membri għandhom jgħinu lil xulxin fl-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva. Huma jistgħu jiskambjaw informazzjoni fuq livell bilaterali jew multilaterali b'mod partikolari sabiex jikkontrollaw, qabel kwalunkwe reġistrazzjoni ta' vettura, l-istatus ġuridiku ta' din tal-aħħar, meta jkun meħtieġ fl-Istat Membru fejn qabel kienet reġistrata. Tali verifika tista' tinvolvi b'mod partikolari l-użu ta' netwerk elettroniku, li fih data mill-bażijiet ta' data nazzjonali biex jiġi faċilitat l-iskambju ta' informazzjoni.

**▼B***L-Artikolu 10*

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tagħha fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

*L-Artikolu 11*

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

▼ M1

## L-ANNEX I

PARTI I TAĊ-ĊERTIFIKAT TA' REĠISTRAZZJONI <sup>(1)</sup>

- I. Din il-parti tista' tiġi mplimentata f'waħda miż-żewġ għamliet: bħala dokumenti tal-karti jew bħala *smart card*. Il-karatteristiċi tal-versjoni tad-dokument tal-karti huma speċifikati f'Kapitlu II u dawk tal-versjoni ta' lis-*smart card* f'Kapitlu III.
- II. **Speċifikazzjonijiet ta' Parti I taċ-Ċertifikat ta' Reġistrazzjoni fil-format tal-karta**
- II.1 Id-dimensjonijiet totali taċ-Ċertifikat ta' Reġistrazzjoni m'għandhomx ikunu aktar minn *format* ta' A4 (210 × 297 mm) jew folder ta' *format* ta' A4.
- II.2 Il-karta wżata għal L-ewwel Parti taċ-Ċertifikat ta' Reġistrazzjoni għandha ssir b'sigurtà kontra l-frodi permezz ta' mill-inqas tnejn mill-metodi ta' teknika li ġejjin:
- grafika,
  - marka ta' l-ilma,
  - fibri florexenti, jew
  - *imprints* florexenti.
- L-Istati Membri huma ħielsa biex idaħħlu fatturi addizzjonali ta' sigurtà.
- II.3 L-ewwel Parti taċ-Ċertifikat ta' Reġistrazzjoni tista' tikkonsisti minn numru ta' paġni. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu n-numru ta' paġni bi qbil mat-tagħrif li jinstab fid-dokument u l-arranġament tiegħu.
- II.4 L-ewwel paġna ta' L-ewwel Parti taċ-Ċertifikat ta' Reġistrazzjoni għandha tikkontjeni:
- l-isem ta' l-Istat Membru li qed joħroġ L-ewwel Parti taċ-Ċertifikat ta' Reġistrazzjoni,

▼ A1

- il-marka distintiva ta' l-Istat Membru li joħroġ l-Ewwel Parti taċ-ċertifikat ta' reġistrazzjoni, jiġifieri:

B: Il-Belġju

▼ M2

BG: Il-Bulgarija

▼ A1

CZ: Ir-Repubblika Ċeka

DK: Id-Danimarka

D: Il-Ġermanja

EST: L-Estonja

GR: Il-Greċja

E: Spanja

F: Franza

▼ M3

HR: Kroazja

▼ A1

IRL: L-Irlanda

I: L-Italja

CY: Ċipru

LV: Il-Latvja

LT: Il-Litwanja

<sup>(1)</sup> Iċ-ċertifikat li jikkonsisti minn parti waħda biss jista' jgħorr il-kliem "Ċertifikat ta' Reġistrazzjoni", u ma jkun hemm l-ebda riferenza fit-test għal "Parti I".

▼ A1

- L: Il-Lussemburgu
- H: L-Ungerija
- M: Malta
- NL: L-Olanda
- A: L-Awstrija
- PL: Il-Polonja
- P: Il-Portugall

▼ M2

- RO: Ir-Rumanija

▼ A1

- SLO: Is-Slovenja
- SK: Is-Slovakkja
- FIN: Il-Finlandja
- S: L-Isvezja
- UK: Ir-Renju Unit

▼ M1

- l-isem ta' awtorità kompetenti,
- il-kliem “L-ewwel Parti taċ-Ċertifikat ta' Reġistrazzjoni” jew, jekk iċ-ċertifikat jikkonsisti minn parti waħda biss, il-kliem “Ċertifikat ta' Reġistrazzjoni”, stampati f'tipa kbira fil-lingwa jew lingwi ta' l-Istati Membri li qed joħorġu ċ-Ċertifikat ta' Reġistrazzjoni għandhom jidhru wkoll, wara spazju xieraq, f'tipa żgħira fil-lingwi l-oħra tal-Komunità Ewropea,
- il-kliem “Komunità Ewropea”, stampati fil-lingwa jew lingwi ta' l-Istati Membri li qed joħorġu L-ewwel Parti taċ-Ċertifikat ta' Reġistrazzjoni,
- in-numru tad-dokument.

II.5 L-ewwel Parti taċ-Ċertifikat ta' Reġistrazzjoni għandha tikkontjeni wkoll il-fatti magħrufa (*data*) li ġejja, preċeduta mill-kodiċijiet armonizzati korrespondenti tal-Komunità:

- (A) in-numru tar-reġistrazzjoni;
- (B) id-data ta' l-ewwel reġistrazzjoni tal-vettura;
- (Ċ) fatti magħrufa (*data*) personali:
  - (Ċ.1) possessor taċ-Ċertifikat ta' Reġistrazzjoni:
    - (Ċ.1.1) kunjomi(ijiet) jew isem kummerċjali,
    - (Ċ.1.2) isem(ismijiet) oħra jew inizjali (fejn xieraq),
    - (Ċ.1.3) indirizz fl-Istat Membru ta' reġistrazzjoni fid-data tal-ħruġ tad-dokument;
  - (Ċ.4) Fejn il-partikolaritajiet speċifikati f'II.6, kodiċi Ċ.2 mhumix indikati fiċ-Ċertifikat ta' Reġistrazzjoni, riferenza għall-fatt li l-possessor taċ-Ċertifikat ta' Reġistrazzjoni:
    - (a) huwa s-sid tal-vettura,
    - (b) m'huwiex s-sid tal-vettura,
    - (ċ) mhuwiex identifikat miċ-Ċertifikat ta' Reġistrazzjoni bħala s-sid tal-vettura;



▼ M1

- (D) vettura:
- (D.1) għamla,
- (D.2) tip,
- varjant (jekk disponibbli),
- versjoni (jekk disponibbli);
- (D.3) deskrizzjoni(jiet) kummerċjali;
- (E) numru ta' identifikazzjoni tal-vettura;
- (F) massa:
- (F.1) massa *laden* massima teknikament permessa, minbarra għal muturi;
- (G) massa tal-vettura f'servizz ma' *bodywork*, u ma' mezz ta' tagħqid bl-irbit (*coupling*) fil-każ ta' vettura li tirmonka f'servizz minn kull kategorija oħra għajr M1;
- (H) perjodu ta' validità, jekk mhux bla limitu;
- (I) data ta' reġistrazzjoni li għaliha jirreferi dan iċ-ċertifikat;
- (K) numru u approvazzjoni tat-tip (jekk disponibbli);
- (P) magna;
- (P.1) kapaċità (f'cm<sup>3</sup>),
- (P.2) qawwa massima nett (in kW) (jekk disponibbli),
- (P.3) tip ta' karburant jew sors ta' qawwa;
- (Q) l-iskala ta' qawwa/piż (f'kW/kg) (għal muturi biss);
- (S) *seating capacity*,
- (S.1) numru ta' postijiet bil-qiegħda, inkluż tas-sewwieq,
- (S.2) numru ta' postijiet bil-wieqfa (fejn xieraq).
- II.6 L-ewwel Parti taċ-Ċertifikat ta' Reġistrazzjoni tista, barra minn dan, tikkontjeni l-fatti magħrufa (*data*) li ġejja, preċeduta mill-kodiċijiet armonizzati korrespondenti tal-Komunità:
- (Ċ) fatti magħrufa (*data*) personali;
- (Ċ.2) sid tal-vettura (ripetuta daqs kemm hemm sidien),
- (Ċ.2.1) kunjom jew isem kummerċjali,
- (Ċ.2.2) isem(ismijiet) oħra jew inizjali (fejn xieraq),
- (Ċ.2.3) indirizz fl-Istat Membru ta' reġistrazzjoni, fid-data tal-ħruġ tad-dokument,
- (Ċ.3) persuna naturali jew legali li tista' tuża' l-vettura bis-saħħa ta' dritt legali ieħor għajr dak ta' pussess,
- (Ċ.3.1) kunjom jew isem kummerċjali,
- (Ċ.3.2) isem(ismijiet) oħra jew inizjali (fejn xieraq),
- (Ċ.3.3) indirizz fl-Istat Membru ta' reġistrazzjoni, fid-data tal-ħruġ tad-dokument,

▼ M1

- (Ċ.5), (Ċ.6), (Ċ.7), (Ċ.8): fejn bidla fil-fatti magħrufa (*data*) personali mogħtija f'punti II.5, kodiċi Ċ.1, II.6, kodiċi Ċ.2 u/jew II.6, kodiċi Ċ.3 ma toħloqx il-ħruġ ta' Ċertifikat ta' Reġistrazzjoni ġdid, il-fatti magħrufa (*data*) personali ġodda li jikkorrespondu għal dawn il-punti jistgħu jiġu nklużi skond il-kodiċijiet (Ċ.5), (Ċ.6), (Ċ.7) jew (Ċ.8); huma mbagħad imqassma bi qbil mar-riferenzi f'punti II.5, kodiċi Ċ.1, II.6, kodiċi Ċ.2, II.6, kodiċi Ċ.3 u II.5, kodiċi Ċ.4;
- (F) massa:
- (F.2) massa *laden* massima permessa tal-vettura f'servizz fl-Istat Membru ta' reġistrazzjoni;
- (F.3) massa *laden* massima permessa tal-vettura sħiħa f'servizz fl-Istat Membru ta' reġistrazzjoni;
- (J) kategorija tal-vettura;
- (L) numru ta' fusien;
- (M) *wheelbase* (f'mm);
- (N) għal vetturi b'total li jaqbeż il-3 500 kg, distribuzzjoni tal-massa *laden* massima teknikament permessa fost il-fusien:
- (N.1) fus 1 (f'kg),
- (N.2) fus 2 (f'kg), fejn xieraq,
- (N.3) fus 3 (f'kg), fejn xieraq,
- (N.4) fus 4 (f'kg), fejn xieraq,
- (N.5) fus 5 (f'kg), fejn xieraq,
- (O) massa rmunkabbli massima teknikament permessa tal-karru:
- (O.1) *braked* (f'kg),
- (O.2) *unbraked* (f'kg);
- (P) magna;:
- (P.4) veloċità fi skali (f'min<sup>-1</sup>),
- (P.5) numru ta' identifikazzjoni tal-magna;
- (R) kulur tal-vettura;
- (T) veloċità massima (f'km/siegħa);
- (U) livell tal-ħoss:
- (U.1) wieqfa (f'dB(A)),
- (U.2) veloċità tal-magna (f'min<sup>-1</sup>),
- (U.3) *drive-by* (f'dB(A));
- (V) emmissjonijiet ta' l-*exhaust*:
- (V.1) CO (f'g/km jew g/kWh),
- (V.2) HC (f'g/km jew g/kWh),
- (V.3) NO<sub>x</sub> (f'g/km jew g/kWh),

▼ **M1**

- (V.4) HC + NO<sub>x</sub> (f'g/km),
- (V.5) partikolaritajiet għal *diesel* (f'g/km jew g/kWh),
- (V.6) koeffiċjent ta' korrezzjoni ta' assorbiment għad-*diesel* (f'min<sup>-1</sup>),

▼ **M5**

- (V.7) L-emissjonijiet ta' CO<sub>2</sub> (fi g/km) jew dawk speċifiċi ta' CO<sub>2</sub> fejn indikati fil-pożizzjoni 49.5 taċ-Ċertifikat ta' Konformità ta' vetturi tqal definit fl-Appendiċi għall-Anness VIII għar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/683 <sup>(1)</sup> jew fil-pożizzjoni 49.5 taċ-ċertifikat ta' approvazzjoni ta' vettura individwali definit fl-Appendiċi I għall-Anness III għal dak ir-Regolament,

▼ **M1**

- (V.8) konsum tal-karburant kombinat (f'l/100 km),
- (V.9) indikazzjoni tal-kategorija ambjentali ta' approvazzjoni tat-tip KE;
- riferenza għall-versjoni applikabbli skond id-Direttiva 70/220/KEE <sup>(2)</sup> jew id-Direttiva 88/77/KEE <sup>(3)</sup>.

▼ **M5**

- (V.10) Il-klassi tal-emissjonijiet ta' CO<sub>2</sub> ta' vetturi tqal iddeterminata waqt l-ewwel reġistrazzjoni, f'konformità mal-Artikolu 7ga(2) tad-Direttiva 1999/62/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill <sup>(4)</sup>;

▼ **M1**

- (W) kapaċità tat-tank(ijiet tal-karburant) (f'litri);

▼ **M4**

- (X) prova li vettura tkun għaddiet mit-test tal-affidabilità stradali, id-data tat-test tal-affidabilità stradali li jmiss jew l-iskadenza taċ-ċertifikat attwali.

▼ **M1**

- II.7 L-Istati Membri jistgħu jinkludu tagħrif addizzjonali (f'L-ewwel Parti taċ-Ċertifikat ta' Reġistrazzjoni), b'mod partikulari jistgħu jżidu bejn il-parenthesi għall-kodiċijiet ta' identifikazzjoni, kif preskritt skond II.5 U II.6, kodiċijiet nazżjonali addizzjonali.

III. **Speċifikazzjonijiet ta' L-ewwel Parti taċ-Ċertifikazzjoni ta' Reġistrazzjoni fil-forma ta' *smart card*** (Alternattiva għall-kampjun f'format tal-karti deskritt f'Kapitlu II)

III.1 Format ta' *card* u fatti magħrufa (*data*) leġibbli bil-għajn

Billi hija *card* mikro-proċessur, iċ-*chip card* għandha tiġi disinjata bi qbil mal-livelli stabbiliti msemmija f'Kapitlu III.5. Il-fatti magħrufa (*data*) reġistrati fuq il-*card* għandhom ikunu leġibbli b'mezzi ta' qari normali (bħal *cards* takografiċi).

<sup>(1)</sup> Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/683 tal-15 ta' April 2020 li jimplementa r-Regolament (UE) 2018/858 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tar-rekwiżiti amministrattivi għall-approvazzjoni u s-sorveljanza tas-suq ta' vetturi bil-mutur u t-trejlers tagħhom, u ta' sistemi, komponenti u unitajiet tekniċi separati maħsubin għat-tali vetturi (ĠU L 163, 26.5.2020, p. 1).

<sup>(2)</sup> Id-Direttiva tal-Kunsill 70/220/KEE ta' l-20 ta' Marzu 1970 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri li għandhom x'jaqsma mal-miżuri li jridu jittieħdu kontra tniġġiż ta' l-arja minn gassijiet minn magni *positive-ignition* ta' vetturi tal-magna (ĠU L 76, tas-6.4.1970, p. 1), Direttiva kif emendata l-aħħar mid-Direttiva tal-Kummissjoni 2002/80/KE (ĠU L 291, tat-28.10.2002, p. 20).

<sup>(3)</sup> Id-Direttiva tal-Kunsill 88/77/KEE tat-3 ta' Diċembru 1987 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri li għandhom x'jaqsma mal-miżuri li jridu jittieħdu kontra l-emissjoni ta' oġġetti li jniġġsu tal-gassijiet minn magni tad-*diesel* għall-użu f'vetturi (ĠU L 36, tad-9.2.1988, p. 33). Id-Direttiva kif l-aħħar emendata bid-Direttiva tal-Kummissjoni 2001/27/KE (ĠU L 107, tat-18.4.2001, p. 10).

<sup>(4)</sup> Id-Direttiva 1999/62/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Ġunju 1999 dwar il-ħlas li jrid isir minn vetturi ta' merkanzija tqila għall-użu ta' ċerti infrastrutturi (ĠU L 187, 20.7.1999, p. 42).

▼ M1

Stampati fuq quddiem u wara tal-*card* għandu jkun hemm għall-inqas il-fatti magħrufa speċifika f'Kapitli II.4 u II.5; dawn il-fatti magħrufa (*data*) għandhom ikunu leġibbli bil-għajn (għoli ta' karattru minimu: 6 punti w stampati kif ġej: Eżempji ta' forom possibbli huma preżentati f'L-ewwel Figura fl-aħħar ta' din it-taqsim.)

A. *Imprint* bażiċi

Il-fatti magħrufa (*data*) bażiċi għandhom jikkontjenu li ġej:

*Quddiem*

(a) In-naħa tal-lemin tal-lokazzjoni taċ-*chip*:

fil-lingwa(i) ta' l-Istat Membru li qed joħroġ iċ-Ċertifikat ta' Reġistrazzjoni

— il-kliem “Komunità Ewropea”;

— l-isem ta' l-Istat Membru li qed joħroġ iċ-Ċertifikat ta' Reġistrazzjoni;

— il-kliem “L-ewwel Parti taċ-Ċertifikat ta' Reġistrazzjoni”, jew, jekk iċ-ċertifikat jikkonsisti minn parti waħda biss, il-kliem “Ċertifikat ta' Reġistrazzjoni” stampati f'tipa kbira;

— nomina oħra (p.e. nazzjonali ta' qabel) tad-dokument ekwivalenti (b'għażla);

— l-isem ta' l-awtorità kompetenti (alternattivament, anke fil-forma ta' *imprint* personalizzat skond l-Ittra B);

— in-numru konsekuttiv mhux ambigwu tad-dokument kif użat fl-Istat Membru (alternattivament, anke fil-forma ta' *imprint* personalizzat skond l-Ittra B);

(b) L fuq mill-lokazzjoni taċ-*chip*:

il-marka ta' distinzjoni ta' l-Istat Membru li qed joħroġ iċ-Ċertifikat ta' Reġistrazzjoni, bajda f'rettanglu blu u mdawwar bi tnaħ-il stilla safra:

B Il-Belġju

▼ M2

BG Il-Bulgarija

▼ M1

DK Id-Danimarka

D Il-Ġermanja

GR Il-Greċja

E Spanja

F Franza

▼ M3

HR Kroazja

▼ M1

IRL L-Irlanda

I L-Italja

L Il-Lussemburgu

NL L-Olanda

A L-Awstrija

P Portugal

▼ M2

RO Ir-Rumanija

▼ M1

FIN Il-Finlandja

S L-Isvezja

UK Ir-Renju Unit,

(ċ) l-Istati Membri jistgħu jikkunsidraw li jżidu, fit-tarf ta' isfel f'tipa żgħira fil-lingwa(i) nazzjonali tagħhom, in-nota: “Dan id-dokument għandu jiġi prodott lil kull persuna awtorizzata li qed jitolbu.”

▼ **M1**

- (d) Il-kulur bażiku tal-*card* huwa aħdar (Pantone 362); alternattivament, transizzjoni ħadra-għal-bajda hija possibbli.
- (e) Simbolu li jirrappreżenta rota (ara l-forma proposta fl-Istampa 1) għandu jiġi stampat fl-erja ta' l-istampar fir-rokna t'isfel fuq in-naħa tax-xellug ta' quddiem tal-*card*.

F'każijiet oħra, id-dispożizzjonijiet ta' Kapitolu III.13 għandhom japplikaw.

**B. *Imprint* ta' personalizzazzjoni**

L-*imprint* ta' personalizzazzjoni għandu jikkontjeni t-tagħrif li ġej:

*Quddiem*

- (a) l-isem ta' l-awtorità kompetenti - ara wkoll l-Ittra Aa)
- (b) l-isem ta' l-awtorità li qed joħroġ iċ-Ċertifikat ta' Reġistrazzjoni (b'għażla)
- (c) in-numru konsekuttiv mhux ambigwu tad-dokument kif użat fl-Istat Membru - ara wkoll l-Ittra Aa)
- (d) Il-fatti magħrufa (*data*) li ġejjin mill-Kapitolu II.5; skond il-Kapitolu II.7, kodiċijiet nazzjonali individwali jistgħu jiżdiedu mal-kodiċijiet armonizzati preċedenti tal-Komunità:

<i>Kodiċi</i>	<i>Riferenza</i>
(A)	numru ta' reġistrazzjoni (numru uffieċjali tal-liċenza)
(B)	id-data ta' l-ewwel reġistrazzjoni tal-vettura
(I)	data ta' reġistrazzjoni li għaliha jirreferi dan iċ-ċertifikat
fatti magħrufa ( <i>data</i> ) personali	
(Ċ.1)	possessur taċ-Ċertifikat ta' Reġistrazzjoni
	(Ċ.1.1) kunjom jew isem kummerċjali
	(Ċ.1.2) isem(ismijiet) oħra jew inizjali (fejn xieraq)
	(Ċ.1.3) indirizz fl-Istat Membru ta' reġistrazzjoni fid-data tal-ħruġ tad-dokument
(Ċ.4)	Fejn il-partikularitajiet speċifikati f'Kapitolu II.6, kodiċi Ċ.2 mhumiex inklużi fl- <i>imprint</i> taċ-Ċertifikat ta' Reġistrazzjoni definit fl-Ittri A u B, riferenza għall-fatt li l-possessur taċ-Ċertifikat ta' Reġistrazzjoni
	(a) huwa s-sid tal-vettura;
	(b) m'huwiex s-sid tal-vettura;
	(c) m'huwiex identifikat miċ-Ċertifikat ta' Reġistrazzjoni bħala s-sid tal-vettura;

*In-naħa ta' wara:*

In-naħa ta' wara għandha ġġorr għall-inqas il-bqija tal-fatti magħrufa (*data*) speċifikati f'Kapitolu II.5; bi qbil mal-Kapitolu II.7, kodiċijiet nazzjonali individwali jistgħu jiżdiedu mal-kodiċijiet armonizzati preċedenti tal-Komunità.

▼ **M1**

Fid-dettall, dawn il-fatti magħrufa (*data*) huma:

<i>Kodiċi</i>	<i>Riferenza</i>
	Fatti magħrufa ( <i>data</i> ) tal-vettura (f'kunsiderazzjoni tan-noti f'Kapitlu II.5)
(D.1)	għamla
(D.2)	tip (varjant/versjoni, fejn ikun xieraq)
(D.3)	deskrizzjoni(jiet) kummerċjali
(E)	numru ta' identifikazzjoni tal-vettura
(F.1)	massa <i>laden</i> massima teknikament permessa, minbarra għal muturi (kg)
(G)	massa tal-vettura f'servizz mal- <i>bodywork</i> , u ma' mezz ta' taqgħid bl-irbit (coupling) fil-każ ta' rmunkar vettura f'servizz minn kull kategorija oħra għajr M1 (kg)
(H)	perjodu ta' validità, jekk mhux bla limitu
(K)	numru ta' approvazzjoni tat-tip (jekk disponibbli)
(P.1)	spostazzjoni (cm <sup>3</sup> )
(P.2)	qawwa nominali (kW)
(P.3)	tip ta' karburant jew sors ta' qawwa
(Q)	l-iskala ta' qawwa/piż (f'kW/kg) (għal muturi biss)
(S.1)	numru ta' postijiet bil-qiegħda, inkluż tas-sewwieq,
(S.2)	numru ta' postijiet bil-wieqfa (fejn xieraq)

Ta' B'għażla, fatti magħrufa (*data*) addizzjonali minn II.6 (bil-kodiċi-jiet armonizzati) u II.7 jistgħu jiżiedu fuq in-naħa ta' wara tal-*card*.

#### Ċ. Karatteristiċi fiżiċi ta' sigurtà ta' lis-*smart card*

It-theddid għas-sigurtà fiżika ta' dokumenti huma:

- Produzzjoni ta' *cards* foloz: li toħloq oġġett ġdid li jgħorr xebh kbir għad-dokument, jew billi jsir mil-bidu nett jew billi jiġi kkupjat minn dokument oriġinali.
- Tibdil fil-materjal: jinbidel karatteristiku ta' dokument oriġinali, p.e. jiġu modifikati xi wħud mill-fatti magħrufa (*data*) stampati fuq id-dokument.

Il-karta wżata għal L-ewwel Parti taċ-Ċertifikat ta' Reġistrazzjoni għandha ssir b'sigurtà kontra l-frodi permezz ta' mill-inqas tlieta mill-metodi ta' teknika li ġejjin:

- mikrostampar,
- stampar *guilloche*\*
- stampar bħal qawsalla (*iridescent*),
- inċiżjoni bil-*laser*,
- linka florexenti *ultraviolet*,

▼ **M1**

- linka b' kulur dipendenti fuq l-angolu li jidher\*,
- linka b' kulur dipendenti fuq it-temperatura\*,
- *custom holograms\**,
- dehriet varjabbi tal-laser,
- dehriet varjabbli ottiċi.

L-Istati Membri huma ħielsa biex idaħħlu karatteristiċi addizzjonali ta' sigurtà.

Bħala bażi, il-metodi ta' teknika indikati b'*asterisk* għandhom jiġu preferuti għaliex jippermettu l-uffiċjali ta' infurzar tal-liġi biex jispezzjonaw il-validità tal-*card* mingħajr xi mezzi speċjali.





▼ M1III.2 *Reġistrazzjoni u protezzjoni ta' fatti magħrufa (data)*

Preċeduti mill-kodiċijiet komuni armonizzati (fejn xieraq, f'konnessjoni mal-kodiċijiet individwali ta' l-Istati Membri skond il-Kapitlu II.7), il-fatti magħrufa (*data*) li ġejjin għandhom jew jistgħu jiġu reġistrati addizzjonalment fuq il-wiċċ tal-*card* li jgħorrit-tagħrif leġibbli skond il-Kapitlu III.1:

(A) Fatti magħrufa (*data*) skond il-Kapitli II.4 u II.5

Il-fatti magħrufa (*data*) speċifikati f'Kapitli II.4 u II.5 għandhom jiġu reġistrati mandatorjament fuq il-*card*.

(B) Fatti magħrufa (*data*) oħra skond il-Kapitlu II.6

Barra minn hekk, l-Istati Membri huma ħielsa biex jirreġistraw aktar fatti magħrufa (*data*) skond il-Kapitlu II.6, sal-punt meħtieġ.

(C) Fatti magħrufa (*data*) oħra skond il-Kapitlu II.7

B'għażla, tagħrif addizzjonali jista' jiġi reġistrat fuq il-*card*.

Il-fatti magħrufa (*data*) mill-ittri A u B huma reġistrati f'żewġ fajlijiet korrespondenti bi struttura trasparenti (ara ISO/IEC 7816-4). L-Istati Membri jistgħu jispeċifikaw ir-reġistrazzjoni ta' fatti magħrufa (*data*) mill-Ittra C skond il-ħtiġijiet tagħhom.

Ma hemm l-ebda restrizzjonijiet ta' qari fuq dawn il-fajlijiet.

Aċċess għall-kitba fuq dawn il-fajlijiet għandu jiġi ristrett għall-awtoritajiet kompetenti nazzjonali (u l-aġenziji awtorizzati tagħhom) fl-Istat Membru li qed jorog lis-*smart card*.

Aċċess għall-kitba huwa permess biss wara awtentikazzjoni mhux simetrika ma' *session key exchange* għal protezzjoni tas-sessjoni bejn il-*card* ta' reġistrazzjoni tal-vettura u modulu ta' sigurtà (p.e. *card* ta' modulu ta' sigurtà) ta' l-awtoritajiet kompetenti nazzjonali (jew l-aġenziji awtorizzati tagħhom). B'hekk ċertifikati verifikabbli tal-*card* skond ISO/IEC 7816-8 huma mibdula qabel il-proċess ta' awtentikazzjoni. Iċ-ċertifikati verifikabbli tal-*card* jikkontjenu l-iskedi (*keys*) pubbliċi korrespondenti li jridu jinstabu mill-ġdid u li jridu jintużaw fil-proċess ta' awtentikazzjoni li ġej. Dawn iċ-ċertifikati huma ffirmati mill-awtoritajiet kompetenti nazzjonali u jikkontjenu oġġett ta' awtorizzazzjoni (awtorizzazzjoni tal-possessur taċ-ċertifikat) skond il-ISO/IEC 7816-9 sabiex tiġi kodifikata (*encode*) awtorizzazzjoni speċifika tar-rwol tal-*card*. Dan ir-rwol huwa relatat ma' l-awtorità kompetenti nazzjonali (p.e. biex jiġi aġġornat qasam ta' fatti magħrufa (*data*)).

L-iskedi (*keys*) pubbliċi korrespondenti ta' l-awtorità kompetenti nazzjonali huma reġistrati bħala ankra ta' fiduċja (skeda pubblika ta' għeruq) fil-*card*.

L-ispeċifikazzjoni tal-fajlijiet u kmand meħtieġa għall-proċess ta' awtentikazzjoni u l-proċess tal-kitba huwa skond ir-responsabbiltà ta' l-Istati Membri. L-assigurazzjoni ta' sigurtà trid tiġi approvata mill-ewalwazzjoni komuni ta' kriterji skond EAL4+. Iż-żidiet (*augmentations*) huma kif ġej: 1. *AVA\_MSU.3* Analiżi u testjar għal stati mhux sikuri; 2. *AVA\_VLA.4* Resistenti ħafna.

(D) Fatti magħrufa (*data*) ta' verifikazzjoni għal awtentiċità ta' fatti magħrufa (*data*) ta' reġistrazzjoni

L-awtorità tal-ħruġ tikkalkola l-firma elettronika tagħha dwar il-fatti magħrufa (*data*) kompleti ta' fajl li jikkontjenu l-fatti magħrufa (*data*) ta' l-ittra A jew B u tirreġistrahom ġo fajl relatat. Dawn il-firem jippermettu l-awtentiċità tal-fatti magħrufa (*data*) reġistrati li jridu jiġu verifikati. Il-*cards* għandhom jirreġistraw il-fatti magħrufa (*data*) li ġejja:

— il-firma elettronika ta' fatti magħrufa (*data*) ta' reġistrazzjoni relatati ma' ittra A,

— il-firma elettronika ta' fatti magħrufa (*data*) ta' reġistrazzjoni relatati ma' ittra B,

▼ **M1**

Għal verifika ta' dawn il-firem elettroniċi il-*card* għandha tirreġistra:

— ċertifikati ta' l-awtorità tal-ħruġ li tikkalkula l-firem dwar il-fatti magħrufa (*data*) ta' l-ittri A,B.

Firem elettroniċi u ċ-ċertifikati għandhom ikunu jistgħu jinqraw mingħajr restrizzjoni. Aċċess għall-kitba għal firem elettroniċi u ċertifikati għandhom jiġu ristretti għall-awtoritajiet nazzjonali kompetenti.

III.3 *Interface*

Kuntatti esterni għandhom jintużaw għal *interfacing*. Tgħaqdid flimkien ta' kuntatti esterni ma' *transponder* huwa b'għażla.

III.4 *Kapaċità ta' reġistrazzjoni tal-card*

Il-*card* għandu jkollha kapaċità suffiċjenti biex tirreġistra l-fatti magħrufa (*data*) msemmija f'Kapitlu III.2.

III.5 *Livelli stabbiliti*

Il-*chip card* u mezzi ta' qari wżati għandhom jikkonformaw mal-livelli stabbiliti li ġejjin:

- ISO 7810: Livelli stabbiliti għal *cards* ta' identifikazzjoni (*cards* tal-plastik): Karatteristiċi fiżiċi
- ISO 7816-1 u -2: Karatteristiċi fiżiċi ta' *chip cards*, dimensjonijiet u lokazzjoni ta' kuntatti
- ISO 7816-3: Karatteristiċi elettriċi ta' kuntatti, protokoll ta' trasmissjoni
- ISO 7816-4: Kontenuti ta' komunikazzjoni, struttura ta' fatti magħrufa (*data*) ta' *chip card*, arkitettura ta' sigurtà, mekkaniżmi ta' aċċess
- ISO 7816-5: Struttura ta' identifikaturi ta' applikazzjoni, għażla u eżekuzzjoni ta' identifikaturi ta' applikazzjoni, proċedura ta' reġistrazzjoni għal identifikaturi ta' applikazzjoni (sistema numerika),
- ISO 7816-6: Elementi ta' fatti magħrufa (*data*) fost l-industrija għal skambju
- ISO 7816-8: *Cards* ta' ċirkwit(i) integrati ma' kuntatti - Kmandi fost l-industrija relatati mas-sigurtà
- ISO 7816-9: *Cards* ta' ċirkwit(i) integrati ma' kuntatti - Kmandi fost l-industrija miżjuda

III.6 *Karatteristiċi Tekniċi u Protokoll ta' Trasmissjoni*

Il-format għandu jkun ID-1 (daqs normali, ara ISO/IEC 7810).

Il-*card* għandha tappoġġja protokoll ta' trasmissjoni T = 1 f'konformita ma' ISO/IEC 7816-3. B'żieda ma' dan protokoll oħra ta' trasmissjoni jistgħu jiġu appoġġjati, p.e. T = 0, *USB* jew protokoll mingħajr kuntatti.

▼ **M1**

Għal trasmissjoni ta' *bit* il-“konvenzjoni diretta” għandha tiġi applikata (ara *ISO/IEC 7816-3*).

(A) Voltaġġ ta' provvsita, voltaġġ ta' programmar

Il-*card* għandha taħdem ma'  $V_{cc} = 3V (+0.3V)$  jew ma'  $V_{cc} = 5V (+0.5V)$ . Il-*card* m'għandhiex teħtieġ voltaġġ ta' programmar f'*pin C6*.

(B) Risposta għal *reset*

Il-*byte* tal-*Size Card* tal-Qasam ta' Tagħrif għandu jiġi preżentat fil-*ATR* fil-karatteristiku *TA3*. Dan il-valur għandu jkun għall-inqas “80h” (= 128 *bytes*).

(Ċ) Għażla ta' parametru ta' protokoll

L-appoġġ ta' għażla ta' parametru tal-Protokoll (GPP) skond *ISO/IEC 7816-3* huwa mandatorju. Huwa wżat biex jintgħażel  $T = 1$ , jekk  $T = 0$  huwa preżenti addizzjonalment fil-*card*, u biex jiġu negoziati l-parametri *Fi/Di* għall-kisba ta' rati ta' trasmissjoni aktar għolja.

(D) Protokoll ta' trasmissjoni  $T = 1$

L-appoġġ ta' *chaining* huwa mandatorju.

Is-simplifikazzjonijiet li ġejjin huma permissi:

— *NAD Byte*: mhux użat (*NAD* għandu jiġi ssettjat għal “00”),

— *S-Block ABORT*: mhux użat,

— *S-Block VPP state error*: mhux użat.

Il-mezz tad-daqs tal-qasam ta' tagħrif (MDQT) għandu jiġi indikat mill-*IFD* immedjatament wara l-*ATR*, jiġifieri l-*IFD* għandu jittrasmetti t-Talba ta' l-*S-Block IFS* wara l-*ATR* u l-*card* għandha tibgħat lura l-*S-Block IFS*. Il-valur rakkomandat għal MDQT huwa 254 *bytes*.

### III.7 *Firxa tat-temperatura*

Iċ-ċertifikat ta' reġistrazzjoni fil-*format* ta' l-*smart card* għandu jiffunzjona sew fuq il-kondizzjonijiet klimatiċi kollha li normalment jipprevalu fit-territorji tal-Komunità u mill-inqas fil-firxa tat-temperatura speċifikata f'*ISO 7810*. Il-*cards* għandhom ikunu kapaċi li joperaw korrettement fil-firxa ta' l-umdità 10 % sa 90 %.

### III.8 *Il-ħajja (lifetime) fiżika*

Jekk użata bi qbil ma' l-ispeċifikazzjonijiet ambjentali u relatati ma' l-elettriku, il-*card* għandha tiffunzjona sew għal perjodu ta' għaxar snin. Il-materjal tal-*card* irid jintgħażel b'tali mod li din il-ħajja (*lifetime*) hija żgurata.

### III.9 *Karatteristiċi elettriċi*

